

LINJA GWIDA (UE) 2018/572 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tas-7 ta' Frar 2018****li temenda l-Linja Gwida BĊE/2014/31 dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rfinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral (BĊE/2018/5)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3.1 u l-Artikoli 5.1, 12.1, 14.3 u 18.2 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) iddeċieda li titoli ggarantiti minn ipoteki kummerċjali (CMBSs) għandhom ikunu ineliġibbli bħala kollateral taħt il-qafas tal-kollateral tal-Eurosistema peress illi r-riskju u l-komplessità tas-CMBSs huma sostanzjalment differenti, kemm f'termini ta' assi sottostanti kif ukoll ta' karatteristiċi strutturali, minn titolohra ggarantiti minn assi li huma aċċettati mill-Eurosistema bħala kollateral.
- (2) Għalhekk, il-Linja Gwida BĊE/2014/31 ⁽¹⁾ għandha tiġi emendata f'dan is-sens,

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

*Artikolu 1***Emenda**

Fl-Artikolu 3(1)(a) tal-Linja Gwida BĊE/2014/31, jiġhassar il-punt (iii)

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

1. Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.
2. Il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ma' din il-Linja Gwida u japplikawhom mis-16 ta' April 2018. Huma għandhom jinnotifikaw lill-BĊE bit-testi u l-mezzi relatati ma' dawk il-miżuri sa mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2018.

*Artikolu 3***Destinatarji**

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-7 ta' Frar 2018.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE**Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

⁽¹⁾ Linja Gwida BĊE/2014/31 tad-9 ta' Lulju 2014 dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rfinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral u li temenda l-Linja Gwida BĊE/2007/9 (ĠU L 240, 13.8.2014, p. 28)